**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 2 ta' Dicembru 2024**

**Rik. Gur.Nru.:27 /2024 JPG**

**Kawza nru.: 21**

**FR**

**Vs**

**FS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' FR datat 19 ta' Jannar 2024, vide fol 1 et seq. li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewwgu fl-14 ta' Marzu, 2020 fir-Registru taz-Zwigijiet, Valletta (Dok A anness) u mir-relazzjoni taghhom ma twieldux tfal;*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt ippubblikat min-Nutar Dr. Ann Fenech Adami fid-19 ta' Lulju, 2023 (Dok B anness);*

*Illi ma jezisti, ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom minhabba illi ilhom snin twal mifrudin u jghixu hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra l-esponenti ghandha rabta ma' persuna ohra;*

*Illi l-partijiet jahdmu u ma jhallsux manteniment lil xulxin skont il-kuntratt ta'*

*separazzjoni fuq imsemmi u hawn anness;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artiklu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza' lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat ma ntavolax risposta, izda deher fil-proceduri u ddepona;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi l-partijiet ddikjaraw li m'ghandhomx ebda provi x'jipproducu;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet (vide xhieda fol 3)** Illi l-partijiet zzewgu fl-14 ta' Marzu 2020 fir-Registru taz-Zwigijiet fil-Belt Valletta u ma kellhomx tfal, Ddikjarat illi il-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 19 ta' Lulju 2023 fl-atti tan-Nutar Dr. Ann Fenech Adami. In oltre, l-attrici kkonfermat li l-kontendenti ilhom jghixu

separatament ghal aktar minn sena. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimat xehed viva voce nhar il-24 ta' Ottubru 2024 (a Fol 20 et seqq)** u kkonferma ix-xhieda ta' martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu***

***separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-14 ta' Marzu 2020 liema zwieg jgib certifikat numru 467/2020 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4 ), Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Ann Fenech Adami nhar l-19 ta' Lulju 2023 (Vide fol 5 et seqq.) In oltre, jidher li l-kontendenti ilhom jghixu separatament ghal aktar minn sena. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 467/2020 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**